# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 200/2012

## tat-8 ta' Marzu 2012

## li jikkonċerna mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* f'qatgħat tal-brojlers, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-*salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel [1] u, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 għandu l-għan li jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi sabiex jikxfu u jikkontrollaw, fost l-oħrajn, is-salmonella fl-istadji kollha rilevanti u partikolarment fil-livell tal-produzzjoni primarja, jiġifieri f'qatgħat, sabiex titnaqqas il-prevalenza ta' patoġeni żoonotiċi fl-ikel u għalhekk ir-riskju li jippreżentaw għas-saħħa pubblika.

(2) L-Artikolu 4 (5) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jipprevedi l-miri tal-Unjoni li għandhom jiġu stabbiliti għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi tas-*Salmonella* kollha b'sinifikat għas-saħħa pubblika fil-brojlers. Dak it-tnaqqis huwa l-qofol biex jiżgura li l-kriterji għal *Salmonella* fil-laħam frisk tal-brojlers stipulat fil-Parti E tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u fil-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 fuq il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti alimentari [2] jistgħu jintlaħqu.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jipprevedi li l-mira tal-Unjoni tinkludi espressjoni numerika tal-persentaġġ massimu ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi u/jew il-persentaġġ minimu ta' tnaqqis fil-għadd ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi, il-limitu massimu ta' żmien li fih għandha tintlaħaq il-mira, kif ukoll id-definizzjoni tal-iskemi ta' ttestjar meħtieġa biex ikun verifikat li l-mira ntlaħqet. Għandha tinkludi wkoll definizzjoni, fejn xieraq, tas-serotipi b'sinifikat għas-saħħa pubblika.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li meta tkun se tiġi stabbilita l-mira tal-Unjoni għandha titqies l-esperjenza miksuba mill-miżuri nazzjonali eżistenti u mit-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni jew lill-Awtorità dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) skont ir-rekwiżiti attwali tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tat-tagħrif stipulat fid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha.

(5) L-Artikolu 1 paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda mira Komunitarja biex titnaqqas il-prevalenza tas-*Salmonella enteritidis* u tas-*Salmonella typhimurium* fil-brojlers u jitneħħa r-Regolament (KE) Nru 1091/2005 [4], jiffissa l-mira għat-tnaqqis tal-ogħla perċentwal ta' qatgħat ta' brojlers li jibqgħu pożittivi għal dawk iż-żewġ serotipi tas-*Salmonella* ta 1 % jew anqas sal-31 ta' Diċembru 2011.

(6) Ir-Rapport Sommarju tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tendenzi u s-Sorsi taż-Żoonożi, l-Aġenti Żoonetiċi u t-Tifqigħat li Jinġarru fl-Ikel fl-2009 [5] wera li s-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* huma s-serovars assoċjati l-aktar spiss mal-mard uman. Fl-2009 kien hemm tnaqqis importanti fil-każijiet ta' infezzjonijiet fil-bniedem ikkawżati mis-*Salmonella enteritidis*, filwaqt li ġiet osservata żieda fil-każijiet tas-*Salmonella typhimurium*.

(7) F'Lulju 2011, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar stima kwantitattiva tal-impatt fuq is-saħħa pubblika ta' twaqqif ta' mira ġdida għat-tnaqqis tas-*Salmonella* fil-brojlers [6]. Ikkonkludiet li s-*Salmonella enteritidis* hija trażmessa bl-aktar suċċess minn serotip tas-*Salmonella* żoonotika mill-ġenitur lill-wild fit-tjur. L-EFSA osservat ukoll li l-miżuri tal-kontroll mill-Unjoni għall-brojlers kkontribwew għal tnaqqis konsiderevoli fin-numru ta' każijiet tas-salmonellożi umana assoċjati mal-brojlers meta wieħed iqabbel mas-sitwazzjoni fl-2006. Il-mira għandha għalhekk tiġi kkonfermata.

---

(1) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
(2) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.
(3) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.
(4) ĠU L 151, 13.6.2007, p. 21.
(5) EFSA Journal 2011; 9(3):2090.
(6) EFSA Journal 2011; 9(7):2106.

(8) Il-varjanti monofażiċi tas-*Salmonella typhimurium* żviluppaw biex ikunu fost l-aktar serotipi tas-*Salmonella* frekwentement misjuba f'bosta speċi ta' annimali u iżolati kliniċi minn bnedmin fis-snin riċenti. L-Opinjoni Xjentifika tal-EFSA 2010 dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' riskju għas-saħħa pubblika ta' "Varjanti li jixbhu lis-*Salmonella typhimurium*" adottata fit-22 ta' Settembru 2010 ([1]) iddikjarat ukoll li l-varjanti monofażiċi tas-*Salmonella typhimurium* mal-formula antiġenika 1,4,[5],12: i: -, li tinkludi varjanti bl-antiġenu O5 u mingħajru, iridu jitqiesu li huma varjanti tas-*Salmonella typhimurium* u li jikkawżaw xi riskju għas-saħħa pubblika paragunabbli għal dak ta' varjanti oħra tas-*Salmonella typhimurium*. Il-varjanti tas-*Salmonella typhimurium* mal-formula antiġenika 1,4,[5],12:i: - għandhom għalhekk jiġu inklużi fil-mira.

(9) Biex jiġi vverifikat jekk il-mira tal-Unjoni tkunx intlaħqet, huwa meħtieġ li jittieħdu kampjuni ta' qatgħat tal-brojlers ripetutament. Sabiex jiġu evalwati u jitqabblu r-riżultati, huwa meħtieġ li tiġi deskritta skema komuni tal-ittestjar biex ikun ivverifikat jekk il-mira tal-Unjoni tkunx intlaħqet.

(10) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([2]), tressqu għal kofinanzjament mill-Unjoni programmi nazzjonali ta' kontroll biex tinkiseb il-mira tal-Unjoni għall-2012 għall-qatgħat tal-brojlers tal-ispeċi *Gallus gallus*. L-emendi tekniċi introdotti fl-Anness għal dan ir-Regolament huma applikabbli direttament. Bħala riżultat, il-Kummissjoni ma għandhiex bżonn terġa' tapprova mill-ġdid programmi nazzjonali ta' kontroll li jimplimentaw dan ir-Regolament. Għalhekk mhuwiex meħtieġ perjodu tranżitorju.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Mira tal-Unjoni**

1. Il-mira tal-Unjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella enteritidis* u tas-*Salmonella typhimurium* fil-brojlers ("mira tal-Unjoni") għandha tkun ta' tnaqqis ta' persentaġġ massimu annwali ta' qatgħat tal-brojlers li jibqgħu pożittivi għas-*Salmonella enteritidis* u tas-*Salmonella typhimurium ta'* 1 % jew anqas.

Rigward is-*Salmonella typhimurium* monofażika, fil-mira tal-Unjoni għandhom jiġu inklużi s-serotipi bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-.

2. L-iskema ta' ttestjar meħtieġa biex tivverifika l-progress fil-kisba tal-mira tal-Unjoni hi stipulata fl-Anness ("l-iskema ta' ttestjar").

*Artikolu 2*

**Ir-reviżjoni tal-mira tal-Unjoni**

Il-mira tal-Unjoni għandha tiġi riveduta mill-Kummissjoni billi tikkunsidra l-informazzjoni miġbura skont l-iskema ta' ttestjar u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(6)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

*Artikolu 3*

**Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 646/2007**

Ir-Regolament (KE) Nru 646/2007 għandu jiġi rrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) EFSA Journal 2010; 8(10):1826.
([2]) ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

*ANNESS*

**Skema ta' ttestjar neċessarja biex tkun ivverifikata l-kisba tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2)**

1. QAFAS GĦAT-TEĦID TAL-KAMPJUNI

Il-qafas għat-teħid tal-kampjuni għandu jinkludi l-qatgħat kollha tal-brojlers tal-ispeċi *Gallus gallus* ('il-brojlers') fil-qafas tal-programmi ta' kontroll nazzjonali stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

2. MONITORAĠĠ TAL-BROJLERS

2.1. **Frekwenza kampjunarja**

(a) L-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jieħdu kampjun mill-qatgħat tal-brojlers kollha fi żmien tliet ġimgħat qabel il-qatla.

B'deroga mill-obbligu stipulat tal-ikkampjunar stipulat fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tista' tipprovdi li l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jieħdu kampjun minn tal-anqas qatgħa waħda ta' brojlers għal kull sensiela ta' kampjunar għall-azjendi b'aktar minn merħla waħda meta:

(i) tintuża sistema ta' kollha ġewwa/kollha barra fil-qatgħat kollha fl-azjenda;

(ii) il-qatgħat kollha jiġu mmaniġġjati l-istess;

(iii) il-provvista tal-għalf u l-ilma huma komuni għall-qatgħat kollha;

(iv) matul mill-inqas l-aħħar sitt sensieli, ikunu twettqu mill-awtorità kompetenti testijiet għas-*Salmonella* spp. skont l-iskema ta' teħid tal-kampjuni stipulati fl-ewwel subparagrafu fil-qatgħat kollha fl-azjenda u l-kampjuni tal-qatgħat kollha ta' mill-anqas sensiela waħda;

(v) ir-riżultati kollha mill-ittestjar skont l-ewwel subparagrafu u fil-punt (b) għas-*Salmonella enteritidis* jew *Salmonella typhimurium* kienu negattivi.

B'deroga mill-obbligi tat-teħid tal-kampjuni stabbiliti f'dan il-punt, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-teħid tal-kampjuni fl-aħħar sitt ġimgħat qabel id-data tal-qatla fil-każ li l-brojlers jew huma miżmuma iktar minn 81 jum jew jaqgħu taħt produzzjoni organika ta' brojlers skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([1]).

(b) L-awtorità kompetenti għandha tinkludi kull sena ta' mill-anqas qatgħa waħda ta' brojlers fuq 10 % tal-impriżi b'aktar minn 5 000 għasfur. Dak l-ikkampjunar jista' jsir fuq bażi ta' riskju u kull darba li l-awtorità kompetenti tikkunsidrah neċessarju.

It-teħid ta' kampjuni mwettaq mill-awtorità kompetenti jista' jieħu post it-teħid ta' kampjuni mill-operatur tan-negozju tal-ikel kif mitlub mill-punt (a).

2.2. **Il-protokoll tal-kampjunar**

2.2.1. *Struzzjonijiet ġenerali għal kampjunar*

L-awtorità kompetenti jew l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jiżgura li l-kampjuni jittieħdu minn persuni mħarrġa għal dak il-għan.

Mill-anqas żewġ pari ta' boot swabs għandhom jittieħdu bħala kampjun. Il-boot swabs jitpoġġew fuq il-boots u jittieħed il-kampjun permezz tal-mixi madwar il-bini fejn jinżammu t-tjur. Swabs minn qatgħa waħda ta' brojlers jistgħu jinġabru f'kampjun wieħed.

Qabel ma jintlibsu l-boot swabs, il-wiċċ tagħhom għandu jixxarrab b':

(a) l-applikazzjoni tad-dilwenti ta' rkupru massimu (MRD: 0,8% klorur tas-sodju, 0,1% peptun f'ilma sterili dejonizzat);

(b) l-applikazzjoni ta' ilma sterili;

(c) l-applikazzjoni ta' kwalunkwe dilwenti oħra approvati mil-laboratorju nazzjonali ta' referenza msemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003; jew

(d) li jiġu awtoklavati f'kontenitur flimkien mad-dilwenti.

Il-mod kif għandhom jixxarrbu l-boot swabs għandu jkun li jiġi mferra' ġewwa fihom il-likwidu qabel ma jintlibsu jew li jitħawdu f'kontenitur bid-dilwent.

([1]) ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

Għandu jkun żgurat li t-taqsimiet kollha f'bini ta' azjenda huma rrappreżentati fil-kampjun b'mod proporzjonat. Kull par boot swabs għandu jkopri madwar 50% taż-żona tal-bini.

Wara t-tlestija tal-kampjunar, is-swabs għandhom jitneħħew bil-galbu mill-boots sabiex ma jiċċaqlaqx il-materjal aderenti. Il-boot swabs jistgħu jinqalbu ta' ġewwa barra biex jinżamm il-materjal. Għandhom jitpoġġew f'borża jew kontenitur u titwaħħlilhom tikketta.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li żżid l-għadd minimu ta' kampjuni sabiex tiżgura teħid ta' kampjuni rappreżentattiv abbażi ta' evalwazzjoni tal-każijiet, wieħed wieħed, tal-parametri epidemjoloġiċi, jiġifieri l-kundizzjonijiet ta' bijosigurtà, it-tqassim jew id-daqs tal-qatgħa.

Jekk l-awtorità kompetenti tapprova dan, par wieħed ta' boot swabs jista' jiġi sostitwit minn kampjun ta' 100g trab miġbur minn diversi postijiet fil-bini kollu minn uċuħ bi preżenza viżibbli ta' trab. Bħala alternattiva, swab wieħed jew aktar tad-drapp niedi b'superfiċi kkumbinata ta' mill-inqas 900 $cm^2$ jistgħu jintużaw biex jiġbru trab minn superfiċji multipli f'kull parti tal-bini. Kull swab għandu jkun miksi sew bit-trab fuq iż-żewġ naħat.

2.2.2. *Struzzjonijiet speċifiċi għal ċerti tipi ta' azjendi*

(a) Għall-qatgħat imrobbija fil-ftuħ, il-kampjuni għandhom jinkisbu biss ġewwa l-bini.

(b) Meta l-aċċess għad-djar ma jkunx possibbli minħabba l-ispazju limitat f'qatgħat b'inqas minn 100 brojler, u għalhekk ma jkunx possibbli li jintużaw il-boot swabs waqt il-mixi, dawn jistgħu jiġu sostitwiti mill-istess tip ta' swabs tal-idejn tad-drapp li jintużaw għat-trab; dawn jingħorku fuq uċuħ ikkontaminati b'rawt frisk, jew jekk dan ma jkunx fattibbli, permezz ta' tekniki tat-teħid tal-kampjuni tar-rawt oħra xierqa għall-iskop maħsub.

2.2.3. *Teħid ta' kampjuni mill-awtorità kompetenti*

L-awtorità kompetenti għandha tissodisfa ruħha billi twettaq testijiet ulterjuri u/jew kontrolli dokumentati kif xieraq biex tivverifika li r-riżultati mhumiex alterati permezz tal-preżenza tal-antimikrobiċi jew sustanzi li ma jippermettux it-tkabbir ta' batterji oħra.

Fejn ma tinstabx il-preżenza tas-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* iżda jinstabu antimikrobiċi jew l-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji, il-qatgħa tal-brojlers għandha tkun ikkunsidrata bħala infettata għall-għan tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2).

2.2.4. *It-Trasport*

Il-kampjuni għandhom jintbagħtu mingħajr dewmien żejjed, jew permezz tal-posta express jew kurjer, lil-laboratorji msemmija fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003. Matul it-trasport għandhom jiġu protetti minn sħana ta' aktar minn 25°C u mill-espożizzjoni għad-dawl tax-xemx.

Fejn mhuwiex possibbli li jintbagħtu l-kampjuni fi żmien 24 siegħa mill-ħin li fih jittieħdu l-kampjuni, dawn għandhom jinħażnu fil-kesħa.

3. ANALIŻI FIL-LABORATORJU

3.1. **Tħejjija tal-kampjuni**

Fil-laboratorju, il-kampjuni għandhom jinżammu fil-kesħa sal-eżaminazzjoni. L-eżami għandu jibda fi żmien 48 siegħa mill-ħin tal-wasla tal-kampjuni u fi żmien erbat ijiem mid-data tat-teħid tal-kampjuni.

Il-kampjuni tat-trab għandhom ikunu analizzati separatament. Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tgħaqqadhom ma' par boot swabs għall-analiżi.

Il-kampjun għandu jiddawwar sakemm jassorbi kollox u l-kolturazzjoni għandha titkompla bl-użu tal-metodu ta' sħarriġ stipulat fil-punt 3.2.

Iż-żewġ pari ta' boot swabs għandhom jinħarġu bil-galbu mill-ippakkjar biex jiġi evitat li jinqala' materjal ta' rawt, jinġabru flimkien u jitpoġġew f'225 ml ta' ilma tal-peptun li jkun newtralizzat (Buffered Peptone Water - BPW) imsaħħan minn qabel għal temperatura tal-kamra, jew 225 ml tad-dilwent hu miżjud direttament ma' żewġ pari ta' boot swabs fil-kontenitur tagħhom kif ikun wasal fil-laboratorju.

Il-boot swabs għandhom jiġu mgħarrqa kompletament fil-BPW biex jipprovdu likwidu ħieles biżżejjed madwar il-kampjun għall-migrazzjoni tas-*Salmonella* mill-kampjun u għalhekk jista' jiżdied aktar BPW jekk ikun meħtieġ.

Jekk l-istandards tal-EN/ISO dwar il-preparazzjoni tar-rawt għall-individwazzjoni tas-*Salmonella* jkun hemm ftehim dwarhom, dawn għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet dwar il-preparazzjoni tat-teħid tal-kampjuni stabbiliti f'dan il-punt kif jixraq.

3.2. **Metodu ta' individwazzjoni**

L-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. għandha titwettaq skont l-Emenda 1 tal-EN/ISO 6579 "Il-mikrobijoloġija tal-ikel u l-għalf tal-annimali – Metodu orizzontali għall-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. – Emenda 1: Anness D: L-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. fir-rawt tal-annimali u fil-kampjuni ambjentali mill-istadju primarju ta' produzzjoni" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni.

3.3. **Is-serotipar**

Għandu jkun serotipizzat tal-anqas iżolat wieħed minn kull kampjun pożittiv meħud mill-awtorità kompetenti, u dan skont l-iskema attwali White-Kauffmann-Le Minor.

L-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw li għall-iżolati kollha, tal-anqas ikun eskluż li ma jappartjenux għas-serotipi *Salmonella enteritidis* u *Salmonella typhimurium*.

3.4. **Metodi alternattivi**

Fir-rigward tal-kampjuni meħuda fuq inizjattiva tal-operatur fin-negozju tal-ikel, il-metodi tal-analiżi previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jistgħu jintużaw minflok il-metodi għall-preparazzjoni tal-kampjuni, il-metodi ta' individwazzjoni u s-serotipi previsti f'punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk ivvalidati skont l-EN/ISO 16140.

3.5. **Ħżin ta' varjanti**

L-awtorità kompetenti għandha tassigura li mill-inqas varjant iżolat wieħed tas-serotipi rilevanti tas-*Salmonella* mill-kampjuni bħala parti mill-kontrolli uffiċjali ta' kull bini u ta' kull sena jinħażen għall-phagetyping jew l-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika futura, u dan bl-użu ta' metodi normali għal ġbir tal-kultura, hekk li tkun żgurata l-integrità tal-varjanti għal perjodu minimu ta' sentejn mid-data tal-analiżi.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li iżolati minn teħid ta' kampjuni minn operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinħażnu għall-phagetyping jew l-ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika fil-futur biex jipprovdu għall-iżolati li jridu jiġu ttestjati skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/407/KE ([2]).

4. RIŻULTATI U RAPPURTAR

4.1. **Kalkolu tal-prevalenza għall-verifika tal-mira tal-Unjoni**

Qatgħa ta' brojlers għandha titqies pożittiva għall-iskop tal-verifika tat-twettiq tal-mira tal-Unjoni meta l-preżenza tas-*Salmonella enteritidis* u/jew s-*Salmonella typhimurium* (għajr il-varjanti tal-vaċċin) kienet individwata fil-qatgħa.

Il-qatgħat tal-brojlers għandhom jingħaddu darba biss kull sensiela, irrispettivament min-numru tat-teħid tal-kampjuni u tal-operazzjonijiet tal-ittestjar u jkunu rrapportati biss fis-sena tal-ewwel kampjunar pożittiv.

4.2. **Rappurtar**

Ir-rappurtar għandu jinkludi:

(a) l-għadd totali tal-qatgħat tal-brojlers li jkunu ġew ittestjati mill-inqas darba matul is-sena ta' rappurtar;

(b) l-għadd totali tal-qatgħat maħsuba għall-bajd li jkunu nstabu pożittivi għal xi serotip tas-*Salmonella* fl-Istat Membru;

(c) l-għadd ta' qatgħat tal-brojlers li jinstabu pożittivi mill-inqas darba għas-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* inklużi l-varjanti monofażiċi mal-formula antiġenika 1,4, [5], 12: i: -;

(d) l-għadd ta' qatgħat tal-brojlers li jkunu nstabu pożittivi għal kull serotip tas-*Salmonella* jew għal *Salmonella* mhux speċifikata (iżolati li ma ngħatawx tip jew serotip).

L-informazzjoni għandha tingħata separatament għall-kampjunar ġenerali fi ħdan il-programm ta' kontroll nazzjonali tas-Salmonella kif previst fil-punt 2.1. (a) u (b), it-teħid tal-kampjuni permezz tal-operaturi tan-negozju tal-ikel kif previst fil-punt 2.1. (a) u t-teħid tal-kampjuni permezz tal-awtoritajiet kompetenti kif previst fil-punt 2.1. (b)

Ir-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala tagħrif rilevanti dwar il-katina alimentari kif stipulat fit-Taqsima III tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

---

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 153, 14.6.2007, p. 26.
([3]) ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

Tal-anqas l-informazzjoni li ġejja għandha ssir disponibbli għall-awtorità kompetenti minn kull qatgħa ta' brojlers ittestjata:

(a) ir-referenza dwar l-azjenda, li tibqa' unika fiż-żmien;

(b) ir-referenza dwar il-bini fl-azjenda, li tibqa' unika fiż-żmien;

(c) ix-xahar li fih ittieħdu l-kampjuni.

Ir-riżultati u kull informazzjoni rilevanti addizzjonali għandhom jiġu rrapportati bħala parti mir-rapport dwar it-tendenzi u s-sorsi previsti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE ([1]).

L-operatur tan-negozju tal-ikel għandu javża lill-awtorità kompetenti dwar l-invidwazzjoni kkonfermata tas-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* mingħajr dewmien żejjed. L-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jagħti struzzjonijiet lil-laboratorju tal-analiżi biex jaġixxi skont dan.

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.